# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 305 – It-Tnejn, 3 t'Awwissu, 2015

## AĠENDA

Talba

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti li joħorġu mill-Minuti
3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
4. Kuntratti
5. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-sur Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 304 u ikunu approvati bħala dokument korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Tiġdid tal-Website**

Is-Sindku qal li dan il-proċess kien se jitwaqqaf u jitkompla wara li ssir reviżjoni tal-estimi finanzjarji.

**2.2 Direzzjoni tat-traffiku fi Triq Lapsi u Triq L-Imqabba**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għamel it-talba ma' TM.

**2.3 Rinovazzjoni tal-Playing Field fi Triq Pietru Felici/Triq Dr N Zammit**

Is-Sindku qal li qed ikomplu t-tħejjijeit neċessarji biex fis-seduta li jmiss tiġi diskussa s-sejħa għall-offerti, u sal-ewwel ġimgħa ta' Settembru din tkun tista' tiġi ippublikata.

Il-pjanti li qed jitħejjew qed isiru b'tali mod li fost ħwejjeġ oħra l-bandli jkunu aktar addattati għal tfal ta' etajiet differenti. Il-pjan jinkludi wkoll li ssir ġibja biex ikun jista' jinġabar l-ilma tas-sit u nevitaw il-problema tat-tisqija.

**2.4 Tiswija ta' triq rurali fis-sit magħruf tad-Dnat**

Is-Sindku qal li hu mar fuq il-post. Qed jistenna biex jara x'se jibqa' mill-fondi tal-konkos biex tkun tista' tingħata parti minn din it-triq.

Mistoqsi mill-Kunsillier Nicholas Cassar dwar l-għoti tal-konkos, is-Sindku wieġeb li wieħed jista' jara l-file tal-persuni kollha li ingħataw li jinkudi persuni issuġġeriti mill-istess Cassar.

**2.5 Infurzar mill-Green Wardens**

Is-Sindku qal li saru diversi spezzjonijiet fl-area tal-Providenza, madankollu f'dan il-perjodu ma kien hemm l-ebda kontravenzjoni irrappurtata.

**2.6 Talba għall-ħaddiema tal-IPSL**

Is-Sindku qal li t-tweġiba tas-sur Lawrence Mizzi, chariman tal-IPSL, kienet li t-talba tal-Kunsill ma tistax tintlaqa'. Dan għaliex preżentament hemm 9 kunsilli li m'għandhom l-ebda ħaddiem tal-IPSL u għaldaqstant il-priorità hija li dawn il-kunsilli. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li kien se jerġa' jipprova jagħmel kuntatt maċ-Chairman tal-IPSL.

Is-Sindku qal li jidher li l-IPSL għandhom grupp ta' ħaddiema li jagħmlu xogħolijiet ad hoc. Nistgħu għalhekk nagħmlu talba billi minflok nitolbu għal ħaddiem, nitolbu li jitwettqu xi xogħolijiet partikolari minn dan il-grupp ta' ħaddiema.

**2.7 Proposta biex Trqi Kircher issir one-way**

Is-Sindku qal li l-itrra ta' konsultazzjoni mar-residenti kienet se tintbagħat fil-jiem li ġejjin.

2.8 **Ambaxxatur/ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ**

Il-Kunsillier Julian Borg qal li fil-bidu ta' Settembru se jiltaqa' l-Kunsill ġdid taż-Żgħażagħ u imbagħad tkun tista' ssir diskussjoni magħhom dwar din il-materja.

# 3 FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

**4.1 Service of an Accountant**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt ta' servizz għal accountant kien skada u għalhekk hemm il-ħtieġa li toħroġ sejħa għall-offerti.

Is-Sindku ippropona li din is-sejħa għandha toħroġ mill-aktar fis. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 MOZZJONIJIET

**5.1 Mozzjoni dwar parking spaces fi Triq VI ta' Diċembru**

Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Dominic Grech u sekondata mill-Kunsillier Nicholas Cassar taqra:

"Billi l-*parking spaces* li saru fi Triq 6 ta' Diċembru aktar kmieni din is-sena qegħdin joħolqu problema ta' parkeġġ f'din it-triq, wieħed irid jassigura li dawn l-istess *parking spaces* jipprovdu biżżejjed spazju sabiex ir-residenti ta' din l-imsemmija triq u ta' dawk li jkollhom bżonn jagħmlu użu ta' parkeġġ f'din l-istess triq, ikollhom il-faċilità li jipparkjaw b'mod tajjeb f'din it-triq, mingħajr ma jkunu kostretti jieħdu spazju ta' żewġ *parking spaces* għall-fatt li dawk li hemm fil-preżent mhux kollha huma skont id-daqs li għandhom ikunu.

"Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' Illum it-Tnejn 3 ta' Awwissu 2015, jirrizolvi li dawk il-*parking spaces* li ma' humiex ta' daqs tajjeb għandom jittranġaw, sabiex niggarantixxu postijiet biżżejjed għall-parkeġġ f'din it-triq."

Is-Sindku spjega li xhur ilu kienet saret talba minn xi residenti biex isiru dawn il-*parking spaces.* Il-ħaddiem tal-Kunsill kien għamilhom b'tali mod li jonqsu mill-anqas postijiet għall-parkeġġi. Wieħed jifhem li hemm gruppi ta' residenti li ma jaqblux bejniethom dwar din il-materja.

Saru diversi tentattivi biex tinstab soluzzjoni. Jidher ċar li jekk tagħmel il-kaxxi bil-kejl stabilit mill-Awtorità tat-Trasport, il-postijiet tal-parkeġġ se jonqsu sostanzjalment.

Għalhekk is-Sindku qal li nqabbdu l-perit jagħmel pjanta tal-kaxxi kif inhuma illum, jagħmel pjanta ta' kif suppost jiġu biex b'hekk inkunu nistgħu nevalwaw aħjar is-sitwazzjoni. Jista' jkun ukoll li nieħdu d-deċiżjoni li nneħħu l-kaxxi bojod kollha u nħallu biss dawk ta' quddiem il-garaxxijiet.

Is-Sindku ippropona li l-aħħar parti tal-mozzjoni għandha tinbidel u taqra:

"Jirriżolvi li jinkariga  lill-Perit biex sal-aħħar t'Awissu iħejji pjanta bi spazji tal-parkeġġ skont l-istandards uffiċjali, liema pjanta għandha tiġi diskussa fis-seduta li jmiss bil-għan ċar li m'għandhomx jonqsu imma jekk inhu possibli jiżdiedu l-postijiet tla-parkeġġ."

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 6 HWEJJEĠ OHRA

**6.1 Arja ikkundizzjunata fiċ-Ċentrtu Ċiviku**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li kien avviċinat minn diversili jattendu d-*Day Care Centre* dwar is-sħana tremenda fis-sala.  Hu qal li hemm il-ħtieġa li tittieħed azzjoni b'mod immedjat.

Is-Sindku qal li l-problema tas-sħana mhijiex biss fis-sala l-kbira imma fil-post kollu. Is-sitwazzjoni hija li biex nagħmlu l-*air conditioning* tal-post hu stmat li hemm bżonn bejn €30,000 u €50,000. Is-soluzzjoni hija li għandna nesploraw fejn nistgħu napplikaw għall-fondi. Sfortunatament konna diġà applikajna fi skema oħra u t-tweġiba kienet waħda negattiva.

Wieħed jista' jesplora wkoll kif l-ispiża tista' tinqasam fuq tlieta jew erba' snin. Dan għandu jsir wara reviżjoni tal-estimi finanzjarji tas-snin li ġejjin.

**6.2 Tneħħija ta' Road hump fi Triq Dr Nikola Zammit**

Is-Sindku qal li riċentment reġgħet qamet il-kwistjoni dwar *road hump* fi Triq Dr Nikola Zammit. Fit-2001 il-Kunsill kien ippropona lista sħiħa ta' *road humps,* liema lista kienet ġiet approvata mill-ADT, illum Transport Malta. Wara li saru dawn il-*road humps*, l-inċidenti, b'mod partikolari fi Triq Dr Nikola waqqfu kompletament.

Snin wara, bdew isiru talbiet biex *road hump* partikolari titneħħa. Ir-raġuni li bdiet tingħata kienet li kien hemm kwisjoni ta' ilma u *perceived disrimination* tal-post fejn saret. Il-Kunsill wara li ħa l-parir tal-perit tal-Kunsill, sab li ma kienx hemm raġubi valida. Is-Sindku qal li sa fejn jaf hu qatt ingħatat xi raġuni ta' mard.

Huwa fakkar li kien hemm okkażjoni li l-Kunsill ingħata ordni minn TM biex xi *road humps* jitneħħew. Il-Kunsill kien iddeċieda li jinjora din l-ordni.

Meta riċentement TM ikkomunikaw mas-Sindku biex din ir-road hump titneħħa, it-tweġiba tiegħu kienet li l-Kunsill ma jieħux ordnijet imma kien lest li jikkonsulta. Hu għalhekk kiteb ukoll lill-Perit tat-TM, inkarigata f'dan il-qasam, fejn uriha li l-Kunsill kien lest li jiltaqa' magħha dwar din il-materja, qabel tittieħed xi azzjoni. Hu qalilha wkoll li kienet ittieħdet deċiżjoni li r-raod hump titnħeħħa mingħajr ma ipproponejtu xi alternattiva, bir-riskju ta' periklu, b'mod partikoalri għal fatt li din tinsab quddiem l-iskola primarja.

Meta s-Sindku ma rċieva l-ebda tweġiba, hu reġa' kitbilha fejn qalilha li l-Kunsill iżomm lil TM responsabbli għal kull inċident li jista' jinqala'.

Fl-istess jiem it-TM ħarġet ordni biex żewg *parking spaces* fi Triq San Ġakbu jitneħħew u jsiru kaxxa waħda u kaxxa għall-muturi. Din ukoll saret mingħajr l-ebda konsultazzjoni.

Dan juri biċ-ċar li qed jinkiser il-prinċipju li qabel TM tagħmel xi ħaġa fil-lokalità tikkonsulta mal-Kunsill. U mhux tordna lill-Kunsill jew taqbad u tagħmel ix-xogħolijiet hi bħalma ġara f'dawn iż-żewġ każijiet.

Is-Sindku qal li m'għandu l-ebda diffikultà li jerġa' jsir kuntatt ma' TM imma jekk fiż-żmien ġimgħa ma jkun hemm l-ebda tweġiuba, allura l-Kunsill għandu jqajjem il-każ dwar il-prinċipju ta' konsultazzjoni mal-Ombudsman.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li jidher li hemm qbil li jsir tentattiv ieħor li l-Kunsill jiltaqa' ma' TM, u qal li kien se jieħu hu l-inizjattiva biex dan isir, madankollu huwa qal li l-Kunsill m'għandux jikteb lill-Ombudsman.

Is-Sindku ippropona li għandna niktbu lill-Ombudsman mhux biss fuq il-każ partikolari imma dwar il-prinċipju ta' konsultazzjoni mal-Kunsill. Il-Viċi Sindku issekondat.

Billi ma kienx hemm qbil unanimu dwar il-proposta, ittieħed vot. Il-Kunsill approva l-mozzjoni bil-votazzjoni taqra:

Voti favur: is-Sindku, il-Viċi-Sindku, il-Kunsilliera Julian Borg u Gillian Farrugia Pace.
Voti kontra: Il-Kunsilliera Clayton Cutajar, Nicholas Cassar u Dominic Grech.

## 6.3 Pilastri minn Limestone Heritage

Is-Sindku qal li irċevejna talba għal *no objection* minn Limestone Heritage li se jitwaqqju fil-bidu tat-trejqa li tagħti għas-sit. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jagħti n-*no objection* diment li jkun il-permessi neċessarji meħtieġa. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.4 Festa tat-Tiġieġ**

Is-Sindku qal li kien irċieva talba mill-*Malta Festivals* biex tiġi organizzata Festa tat-Tiġieġ fi Pjazza San Nikola nhar il-11 u t-12 ta' Settembru. Huwa ippropona li għandna nilqgħu din it-talba.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.45pm u ippropona li s-seduta li jmiss bin-numru 306 titlaqqa' **it-Tnejn, 31 t'Awwissu fis-7.00pm.** Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 31 t'Awwissu, 2015**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data: 13/7/15-3/8/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | antonia aquilina | 131.40 | 131.40 | d | pf | library attendant june15 20hrsx6.57 | 30.6.15 | | | | 2995 | 10905 |
| 2 | ecopure | 17.00 | 17.00 | d | pf | water for dispenser | 30.6.15 | 609012 | | | 2670 | 10934 |
| 3 | pierre farrugia | 50.00 | 50.00 | d | pf | minerals | 1.7.15 | 60 | | | 2670 | 10904 |
| 4 | synthesis management | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works june15 | 2.7.15 | lc-021 | | | 3120 | 10903 |
| 5 | vodafone | 88.76 | 88.76 | d | pf | 99491670 june15 | 1.7.15 | 4715336072015 | | | 2160 | 10922 |
| 6 | ghaqda tan-nar | 180.00 | 180.00 | d | pf | fireworks and insurance 28/6/15 | 3.7.15 | 5 | | | 3372 | |
| 7 | klikk | 175.00 | 175.00 | d | pf | toner | 4.7.15 | 13603 | | | 2620 | 10909 |
| 8 | nexos street lighting | 1478.73 | 1478.73 | t | pf | repair | 3.7.15 | 2010825 | lcs33/09 | | 2372 | 10917 |
| 9 | nexos street lighting | 646.33 | 646.33 | t | pf | repair | 3.7.15 | 2010828 | lcs33/09 | | 2372 | 10917 |
| 10 | 3d | 153.40 | 153.40 | d | pf | distribution of booklet 'il-kunsill tieghek' | 30.6.15 | 5872 | | | 2930 | 10902 |
| 11 | access point | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack july15 | 1.7.15 | 5779 | | | 3110 | 10948 |
| 12 | greenlines | 495.60 | 495.60 | d | pf | hire of mobile toilets festa | 30.6.15 | 28587 | | po75/15 | 3372 | 10947 |
| 13 | melita | 110.31 | 110.31 | d | pf | ta cwerra church july15 | 1.7.15 | 101647460 | | | 3111 | 10921 |
| 14 | g4s | 70.80 | 70.80 | d | pf | configuration of camera | 30.6.15 | 37933 | | | 3111 | 10946 |
| 15 | g4s | 312.00 | 312.00 | d | pf | security services wirja festa | 30.6.15 | GS012607 | | | 3111 | 10946 |
| 16 | borg bros | 106.20 | 106.20 | d | pf | garr ta ghamara belt u lura | 4.7.15 | 1483 | | | 2770 | 10945 |
| 17 | borg bros | 354.00 | 354.00 | d | pf | garr ta ghamara, storage u lura | 4.7.15 | 1482 | | | 2770 | 10945 |
| 18 | borg bros | 330.40 | 330.40 | d | pf | garr ta ghamara, storage u lura | 4.7.15 | 1481 | | | 2770 | 10945 |
| 19 | land dept | 1535.00 | 1535.00 | d | pf | rent premises 1/7/15-31/12/15 | 1.7.15 | 1383647 | | | 2400 | 10944 |
| 20 | emidio camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | public conveniences june15 | 7.7.15 | 21 | lcs24/13 | | 3053 | 10906 |
| | **Sub Total c/f** | **€7,919.36** | **€7,919.36** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,919.36** | **€7,919.36** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 305 tal-3/8/15**

Kunsillier

**Data:** **13/7/15-3/8/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | go | 86.64 | 86.64 | d | pf | 21468874 june15 | 4.7.15 | 43919119 | | | 2160 | 10943 |
| 22 | go | 15.58 | 15.58 | d | pf | 21462946 june15 | 4.7.15 | 43919080 | | | 2160 | 10943 |
| 23 | go | 42.71 | 42.71 | d | pf | 21465799/21465805 june15 | 4.7.15 | 43919171 | | | 2160 | 10943 |
| 24 | go | 101.95 | 101.95 | d | pf | 21466000/21466036 june15 | 4.7.15 | 43919116 | | | 2160 | 10943 |
| 25 | dr richard sladden | 177.00 | 177.00 | d | pf | legal service xuereb bros case | 8.7.15 | RS37/15 | | | 3140 | 10923 |
| 26 | arms | 96.32 | 96.32 | d | pf | electricity premises 26/2/15-29/5/15 | 15.7.15 | 20576177 | | | 2130 | 10910 |
| 27 | arms | 106.29 | 106.29 | d | pf | water premises 26/2/15-29/5/15 | 15.7.15 | 20576177 | | | 2140 | 10910 |
| 28 | arms | 248.73 | 248.73 | d | pf | electricity premises 26/2/15-29/5/15 | 15.7.15 | 20576178 | | | 2130 | 10910 |
| 29 | arms | 35.16 | 35.16 | d | pf | water premises 26/2/15-29/5/15 | 15.7.15 | 20576178 | | | 2140 | 10910 |
| 30 | arms | 58.49 | 58.49 | d | pf | dun anton vella 3/4/15-15/5/15 | 15.7.15 | 20576175 | | | 2130 | 10942 |
| 31 | arms | 54.95 | 54.95 | d | pf | dun anton vella 3/3/15-2/4/15 | 15.7.15 | 20576174 | | | 2130 | 10942 |
| 32 | arms | 26.34 | 26.34 | d | pf | dun anton vella 16/5/15-2/6/15 | 15.7.15 | 20576176 | | | 2130 | 10942 |
| 33 | arms | 20.27 | 20.27 | d | pf | dr a fenech 2/5/15-1/6/15 | 15.7.15 | 20576170 | | | 2130 | 10942 |
| 34 | arms | 20.56 | 20.56 | d | pf | dr a fenech 2/4/15-1/5/15 | 15.7.15 | 20576169 | | | 2130 | 10942 |
| 35 | arms | 28.35 | 28.35 | d | pf | dr a fenech 26/2/15-1/4/15 | 15.7.15 | 20576168 | | | 2130 | 10942 |
| 36 | b.grima | 1048.73 | 1048.73 | t | pf | road marking paint | 6.7.15 | 10005110 | | | 2313 | 10916 |
| 37 | vodafone | 93.60 | 93.60 | d | pf | 99762218 june15 | 1.7.15 | 4715337072015 | | | 2160 | 10922 |
| 38 | melita | 28.79 | 28.79 | d | pf | tv connection july15 | 1.7.15 | 102626380 | | | 3111 | 10921 |
| 39 | ecopure | 17 | 17 | d | pf | water for dispenser | 14.7.15 | 610580 | | | 2670 | 10934 |
| 40 | bogre | 719.56 | 719.56 | d | pf | supply installation light fittings | 5.7.15 | 783 | | | 7210 | 10920 |
| | **Sub Total c/f** | **€3,027.02** | **€3,027.02** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€7,919.36** | **€7,919.36** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€10,946.38** | **€10,946.38** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 305 tal-3/8/15**

0 Kunsillier

**Data: 13/7/15-3/8/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | tony pace | 750 | 750 | d | pf | repair and maintenance public convenienc | 8.7.15 | 39 | | | 2210 | 10919 |
| 42 | ell's | 14446.60 | 14446.60 | t | pf | patching works 15206.95-760.35mf | 30.5.15 | 449 | lcs34/12 | | 2310 | 10918 |
| 43 | tctc | 420.00 | 420.00 | d | pf | applications at local council ikids (deposited) | | | | | 3371 | 10924 |
| 44 | bdl | 351.20 | 351.20 | d | pf | books for public library | 21.7.15 | 256947 | | | 2995 | 10915 |
| 45 | karl borg events | 1121 | 1121 | d | pf | setting up of arts exhibition | 14.7.15 | 1265 | | | 3370 | 10914 |
| 46 | karl borg events | 649.00 | 649.00 | d | pf | hire of arts panels exhibition | 14.7.15 | 1259 | | | 3370 | 10914 |
| 47 | karl borg events | 1256.70 | 1256.70 | d | pf | set-up exhibition dr nikola zammit | 14.7.15 | 1261 | | | 3370 | 10914 |
| 48 | karl borg events | 837.80 | 837.80 | d | pf | show cases exhibition dr nikola zammit | 14.7.15 | 1263 | | | 3370 | 10914 |
| 49 | klikk | 85.00 | 85.00 | d | pf | external usb | 3.8.15 | 13819 | | | 2620 | 10913 |
| 50 | al's mini market | 67.50 | 67.50 | d | pf | 30pks water rec79938 | 3.8.15 | 79938 | | | 2670 | 10912 |
| 51 | cassie cutajar | 115.20 | 115.20 | d | pf | clerikal work saturdays july15 16hrsx7.2 | 1.8.15 | | | | 3065 | 10911 |
| 52 | arms | 192.21 | 192.21 | d | pf | patri guze delia 19/5/15-9/7/15 | 15.8.15 | 20786787 | | | 2130 | 10942 |
| 53 | arms | 178.31 | 178.31 | d | pf | bowling pitcha lapsi 9/5/15-8/7/15 | 14.8.15 | 20698113 | | | 2130 | 10942 |
| 54 | arms | 67.15 | 67.15 | d | pf | gnejnet l-armonija 9/5/15-8/7/15 | 14.8.15 | 20699345 | | | 2130 | 10942 |
| 55 | salander group | 829.50 | 829.50 | d | pf | newsletter kunsill | 14.7.15 | 10775 | | | 2610 | 10941 |
| 56 | karol aquilina | 322.14 | 322.14 | d | pf | sms notifications to residents | 31.7.14 | 26861201 | | | 2910 | 10940 |
| 57 | david grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses june15 | 1.7.15 | | | | 2760 | 10939 |
| 58 | n.baldacchino | 97.00 | 97.00 | d | pf | fuel expenses june15 | 1.7.15 | | | | 2760 | 10938 |
| 59 | n.baldacchino | 97.00 | 97.00 | d | pf | fuel expenses july15 | 1.8.15 | | | | 2760 | 10938 |
| 60 | david grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses july15 | 1.8.15 | | | | 2760 | 10939 |
| | **Sub Total c/f** | **€22,043.31** | **€22,043.31** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€22,043.31** | **€22,043.31** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 305 tal-3/8/15**

0 — Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 305**

**Data:** **13/7/15-3/8/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | daniel cutajar | 644.96 | 644.96 | t | pf | bulky refuse july15 678.90-33.95mf | 30.7.15 | 31 | | | 3042 | 10937 |
| 62 | waste collection ltd | 4468.06 | 4468.06 | t | pf | waste collection july15 | 31.7.15 | 0 | | | 3041 | 10936 |
| 63 | employees | 5445.73 | 5445.73 | d | pf | salaries july15 | | | | | 0 | |
| 64 | karol aquilina | 705.05 | 705.05 | d | pf | honoraria to mayor july15 | | | | | 1100 | |
| 65 | cir | 1093.76 | 1093.76 | d | pf | cir - july15 ss | | | | | 1500 | |
| 66 | cir | 889.00 | 889.00 | d | pf | cir - july15 tax | | | | | | |
| 67 | carmelo sciberras | 87.90 | 87.90 | d | pf | setup sound and microphone | 23.7.15 | 38864 | | | 2330 | 10935 |
| 68 | ecopure | 17.00 | 17.00 | d | pf | water for dispenser | 28.7.15 | 612229 | | | 2670 | 10934 |
| 69 | guard&warden | 1788.46 | 1788.46 | d | pf | ecowarden june15 | 1.7.15 | GS002260 | | | 3191 | 10933 |
| 70 | anton zarb | 271.40 | 271.40 | d | pf | 1 bin with liner | 25.7.15 | AZ99-15 | | | 2371 | 10932 |
| 71 | emidio camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | public conveniences july15 inv22 | 3.8.15 | 22 | | | 3053 | 10906 |
| 72 | malta red cross | 408.00 | 408.00 | d | pf | basic first-aid course lcs12/15 12x34 | 30.7.15 | 102 | | | 3373 | 10931 |
| 73 | noel borg | 1150.00 | 1150.00 | d | pf | tizjin ta' dawl bypass festa | 3.7.15 | 3.7.15 | | | 3372 | 10929 |
| 74 | synthesis management | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works july15 | 3.8.15 | lc-022 | | | 3120 | 10928 |
| 75 | mita | 416.85 | 416.85 | d | pf | wide area connectivity july-sept 15 | 17.7.15 | sin-32355 | | | 3110 | 10927 |
| 76 | colours of the rainbow | 94.00 | 94.00 | d | pf | repotting, peat and plants balcony | 31.06.15 | 43 | | | 2670 | 10926 |
| 77 | colours of the rainbow | 70.00 | 70.00 | d | pf | flowers events mmikiel azzopardi+bouquet | 31.6.15 | 43 | | | 3372 | 10926 |
| 78 | colours of the rainbow | 50.00 | 50.00 | d | pf | arrangement festa san nikola | 31.6.15 | 44 | | | 3372 | 10926 |
| 79 | colours of the rainbow | 40.00 | 40.00 | d | pf | flower arrangements dr nikola zammit | 31.6.15 | 44 | | | 3372 | 10926 |
| 80 | csd | 102.66 | 102.66 | d | pf | a4 photocopy paper | 20.7.15 | 53992 | | | 2620 | 10925 |
| | **Sub Total c/f** | **€19,120.46** | **€19,120.46** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,120.46** | **€19,120.46** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 305 tal-3/8/15**

0 Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 305**

**Data:** **13/7/15-3/8/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | antonia aquilina | 164.25 | 164.25 | d | pf | attendance library july15 25x6.57 | 1.8.15 | | | | 2995 | 10905 |
| 82 | natasha mizzi | 627.00 | 627.00 | k | pf | cleaning council premises july15 | 1.8.15 | | | | 3055 | 10907 |
| 83 | natasha mizzi | 43.82 | 43.82 | k | pf | cleaning material | 1.8.15 | | | | 2220 | 10907 |
| 84 | callus landscaping | 2710.00 | 2710.00 | t | pf | planting public spaces july15 | 29.7.15 | 44 | lcs18/12 | | 3061 | 10908 |
| 85 | b.grima sons | 2443.92 | 2443.92 | t | pf | traffic signs | 1.7.15 | 10005088 | | | 2313 | 10916 |
| 86 | | | | | | | | | | | | |
| 87 | | | | | | | | | | | | |
| 88 | | | | | | | | | | | | |
| 89 | | | | | | | | | | | | |
| 90 | | | | | | | | | | | | |
| 91 | | | | | | | | | | | | |
| 92 | | | | | | | | | | | | |
| 93 | | | | | | | | | | | | |
| 94 | | | | | | | | | | | | |
| 95 | | | | | | | | | | | | |
| 96 | | | | | | | | | | | | |
| 97 | | | | | | | | | | | | |
| 98 | | | | | | | | | | | | |
| 99 | | | | | | | | | | | | |
| 100 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€5,988.99** | **€5,988.99** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€5,988.99** | **€5,988.99** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 305 tal-3/8/15**

0 — Kunsillier